# X'INHI L-AWTORITÀ FIR-RELIĠJON

Minn
George Ebejer

# X'INHI L-AWTORITÀ FIR-RELIĠJON

Awtorità kif użata f'dan l-istudju, tfisser mudell, qies jew regola ta' gwida li tiggverna lin-nies u tiddeċiedi darba għal dejjem it-tajjeb jew il-ħażin.

Eżempju, il-bniedem iqis ir-riga bħala l-awtorità finali biex tiddeċiedi darba għal dejjem is-sewwa jew il-ħażin f'dak li huwa qies. Kemm huwa twil dan is-sing? ____________________ Ġużeppi jista' jgħid li twil 39 millimetru; Pietru, 43 millimetru, waqt li Ġwanni 45 millimetru. Kemm Ġużeppi kif ukoll Pietru u Ġwanni jċedu l-opinjoni personali tagħhom meta r-riga taqra 47 millimetru. Li kienu mhux għax hemm ir-riga, mistoqsijiet li jinvolvu l-qisien qatt ma kienu jistgħu jiġu solvuti. Ilkoll naqblu li din l-awtorità hija meħtieġa dwar dak li għandu x'jaqsam mal-qisien.

Fl-istat reliġjuż il-bniedem, ta' spiss mingħajr ma jinduna, jaċċetta regoli ta' awtorità magħmula minnu stess kif ukoll dik ta' Alla. Madankollu, il-bniedem la għandu din il-kapaċità u lanqas id-dritt li jagħmel hekk. Meta jaċċetta regola tiegħu nnifsu kif ukoll dik ta' Alla, il-bniedem ikun qiegħed jagħmel għallanqas żewġ regoli reliġjużi—u firda reliġjuża. Il-Mulej tagħna Ġesù Kristu wissa kontra li taċċetta awtoritajiet magħmula mill-bnedmin:

> "*Fiergħa hija l-qima li jagħtuni; jgħallmu duttrina li mhix għajr preċetti tal-bnedmin*" (Mattew 15:9).

Ħafna knejjes, kollha jistqarru li huma fil-fidi Kristjana, igħallmu duttrini li ma jaqblux. Hekk, awtorità

biex tgħin lill-bniedem jiddeċiedi spiritwalment dak li huwa sewwa u dak li huwa ħażin hija biċ-ċar meħtieġa. Hekk kif il-bniedem jara din il-ħtieġa għall-awtorità reliġjuża finali, huwa jgħajjat, "Min huwa kkwalifikat biex ikun l-awtorità f'dak li għandu x'jaqsam mar-reliġjon? Ġesù jwieġeb għal din il-mistoqsija, billi jgħid:

> "*Jiena hu t-Triq, il-Verità u l-Ħajja: Ħadd ma jmur għand il-Missier jekk mhux permezz tiegħi*" (Ġwanni 14:6).

## ĠESÙ: L-AWTORITÀ RELIĠJUŻA TAGĦNA

Fil-Vanġelu ta' Mattew, kapitlu 28, vers 18, Ġesù jgħidilna,

> "*Lili ngħatat l-awtorità kollha fis-sema **u fl-art***" (enfasi tiegħi).

Ġesù huwa l-unika persuna ikkwalifikata biex tkun il-gwida reliġjuża tal-bniedem. Alla nnifsu xehed għal l-awtorità ta' Ġesù Kristu meta Hu tkellem mis-smewwiet u qal:

> "*Dan hu Ibni l-għażiż, li fih sibt il-għaxqa tiegħi; **isimgħu lilu***" (Mattew 17:5; enfasi tiegħi).

Meta Ġesù jitkellem, il-kliem Tiegħu għandu jiġi onorat bħala l-kliem ta' Alla. Ġwanni jgħidilna,

> "*Għax dak li bagħtu Alla jgħid il-kliem ta' Alla, għax Alla ma jagħtix l-Ispirtu bil-kejl*" (Ġwanni 3:34).

Ukoll naqraw fi Ġwanni 6:38,

> "*Wieġbu Xmun Pietru: "Mulej, għand min immorru?* ***Inti għandek*** *il-kliem tal-ħajja ta' dejjem*" (enfasi tiegħi).

F'materja reliġjuża, mela, l-awtorità tal-bniedem għandha tkun Ġesù Kristu waħdu, għaliex Hu, u Hu biss **għandu l-awtorità kollha fis-sema u fl-art**!

Iżda xorta tibqa' l-mistoqsija: "Kif jista' bniedem ikun jaf ir-rieda ta' Kristu? U wara l-qawmien u t-tlugħ fis-semwwiet ta' Kristu, kif in-nies tgħallmu t-tagħlim Tiegħu dwar il-mistoqsijiet reliġjużi u morali ta' dak iż-żmien?

Meta kellem lil l-appostli Tiegħu, Ġesù qal,

> "*Intom tkunu x-xieħda tiegħi*" (Atti 1: 8).

Ġesù qal ukoll,

> "*Morru…għallmu*" (Mattew 28:19-20).

Ukoll reġa' qal, li:

> "*Meta jiġi hu, l-Ispirtu tal-verità, iwassalkom għall-verità kollha*" (Ġwanni 16:13).

Hekk, l-appostli esprimew l-awtorità ta' Kristu, immexxija mill-Ispirtu s-Santu ta' Alla—dan aħna ma nistgħux niċħduh. Mhux biss huma għallmu u ppriedkaw bil-fomm, imma huma wkoll għallmu bil-kitba. Dan il-kliem sagru hu mogħti lilna biex jiggwidana. L-appostlu Pawlu, mqanqal mill-Ispirtu s-Santu, qal,

> "*L-Iskrittura kollha hija mnebbħa minn Alla, u tiswa biex wieħed igħallem,*

*iċanfar, iwiddeb u jrawwem fis-sewwa*" (2 Timotju 3:16).

Oħrajn ukoll kitbu kliem Kristu mnebbaħ mill-Ispir-tu s-Santu. L-appostlu Ġwanni kiteb,

"*Dan huwa d-dixxiplu li qiegħed jagħti xhieda għal dan kollu u li kiteb dawn il-ħwejjeġ*" (Ġwanni 21:24).

Għalhekk, bniedem jista' jkun jaf ir-rieda kollha ta' Alla billi jistudja sewwa l-Bibbja kollha. Meta bniedem jappella għar-rieda rrivelata ta' Kristu, hu jappella lil Kristu bħala l-gwida tiegħu u l-awtorità reliġjuża għalih.

## L-APPOSTLI RRIVELAW IR-RIED TA' ĠESÙ: ĠESÙ ORDNALHOM

Naqraw f'Mattew 28:18-20,

"*Ġesù resaq ikellimhom u qalilhom: "Lili ngħatat is-setgħa kollha fis-sema u fl-art. Morru, mela, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha, u għammduhom fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu, u għallmuhom iħarsu dak kollu li ordnajtilkom jien. U ara, jiena magħkom dejjem, sa l-aħħar taż-żmien.*"

Ġesù għandu s-setgħa jew l-awtorità kollha għaliex Hu l-Iben ta' Alla, u għaliex Hu qam rebbieħ fuq il-mewt. Wara l-qawmien Tiegħu mill-qabar, Ġesù kkmanda lil l-appostli Tiegħu biex igħallmu lill-ġnus kollha "jħarsu dak kollu li ordnajtilkom jien."

(Mattew 28:20). Dawn il-ġnus, allura jisimgħu l-ordnijiet ta' Ġesù permezz ta' l-appostli Tiegħu.

Ġesù assigura lil l-appostli Tiegħu li huma jiftakru dak kollu li Hu kien qalilhom:

> "*Imma d-Difensur, l-Ispirtu s-Santu, li l-Missier jibgħat f'ismi, igħallimkom kollox u jfakkarkom dak kollu li għed-tilkom*" (Ġwanni 14:26).

Din kienet il-garanzija ta' Ġesù li l-appostli u rġiel oħra ispirati jgħallmu l-verità. Ġesù ma kienx lest li jħalli xogħol hekk importanti lid-dixxipli Tiegħu min-għajr ma jagħtihom gwida divina.

L-ittra lill-Korintin tgħallem li l-appostli għallmu lil ħaddieħor dak li l-Ispirtu s-Santu għallem lilhom.

> "*Dawn il-ħwejjeġ ħabbarnihomlkom bi kliem li ma tgħallimniehx mill-għerf tal-bnedmin, imma mill-Ispirtu, li fis-sirna ħwejjeġ spiritwali lil nies spirit-wali*" (1 Korintin 2:13).

1 Tessalonikin 2:13 jurina li l-knisja aċċettat it-tagħ-lim ta' l-appostlu ispirat mill-Ispirtu s-Santu,

> "*mhux bħala kelma ta' bniedem, iżda bħala kelma ta' Alla*"

## L-APPOSTLI RRIVELAW IR-RIEDA TA' ĠESÙ: L-APPOSTLI OBDEW IR-RIEDA TA' ĠESÙ

> "*Għax jien qatt ma bżajt (inqast) nurikom dak kollu li jrid Alla*" (Atti 20:27).

Ġesù mhux biss irrivela r-rieda Tiegħu lil l-appostli, imma l-appostli obdewh u tkellmu u kitbu l-kmandamenti Tiegħu. L-appostlu Pawlu jassigurana li l-ħwejjeġ li hu kiteb kienu:

> "*il-preċetti tal-Mulej*" (1 Korintin 14: 37).

Pawlu kien ubbidjenti lejn il-Mulej billi kiteb *biss* dawk il-ħwejjeġ li l-Mulej xtaq. Jgħidilna wkoll,

> "*Dan ngħarrafkom, ħuti: l-Evanġelju li ħabbartilkom jiena mhuwiex Evanġelju tal-bnedmin. Għaliex jiena mhux mingħand bniedem irċevejtu jew tgħallimtu, imma kien irrivelat lili minn Ġesù Kristu*" (Galatin 1:11-12).

Fl-Ewwel Korintin 4:1-2 Pawlu jitkellem fuqu nnifsu bħala amministratur tal-misteri ta' Alla u jgħid:

> "*…l-amministraturi wieħed jistennihom li jkunu fidili.*"

Pawlu, bħala amministratur ta' Alla, kien fidil biex jobdi lil Alla. Waqt li kien qiegħed jiddiskuti l-problema dwar il-firda fil-knisja ta' Korintu, fejn hu ntebaħ li kienet ikkaġunata f'parti permezz tal-kburija, hu jgħid li hu juża lilu nnifsu u lil Apollo bħala eżempji,

> "*…biex minna intom titgħallmu x'jigifieri: 'Mhux iktar milli hemm miktub'*" (1 Korintin 4:6).

Pawlu, appostlu ta' Kristu, kellu x-xewqa li jibqa' l-ħin kollu skond il-kmandamenti ta' Alla.

It-test tagħna juri li Pawlu dejjem ipprova jippriedka dak kollu li Alla ikkmanda. L-ubbidjenza soda ta' Pawlu u ta' l-appostli l-oħra kollha lejn il-kmanda-menti ta' Alla, tassigurana li aħna rċevejna r-rieda ta' Alla b'riżultat tax-xogħol tagħhom li kitbu l-Iskrittura. Tant hu veru dan, li nies (ukoll anġli) li ma obdewx u m'aċċettawx it-tagħlim ta' l-appostli bħala awtorità reliġjuża finali kienu misħutin minn Alla. Naqraw f'Galatin 1:6-9,

> "*Jiena nistagħġeb bikom kif daqshekk malajr tbegħidtu min min sejħilkom fil-grazzja ta' Kristu u dortu lejn Evanġelju ieħor, imma hemm xi wħud li qegħdin iħawdukom u jridu jaqilbu l-Evanġelju ta' Kristu. Imma mqar jekk aħna stess jew anġlu mis-sema, jħabbrilkom Evanġelju ieħor li mhuwiex dak li ħabbarnielkom aħna, ikun misħut! Bħalma ġa għednielkom, u ntenni ngħidilkom issa: jekk xi ħadd iħabbrilkom ħaġa oħra għajr dak li ġa rċevejtu, ikun misħut.*"

Għaliex li tippriedka Evanġelju ieħor ifisser li tirrifjuta li taċċetta l-Evanġelju ta' Kristu bħala awtorità finali. Illum, ħafna mit-tagħlim reliġjuż li qiegħed ikun mgħallem fil-knejjes, ma jistax ikun ippruvat mill-Kelma ta' Alla, u għalhekk huwa "evanġelju ieħor."

"*Tmurx iktar milli hemm miktub*" (1 Korintin 4:6).

## APPOSTLI KITBU T-TAGĦLIM TAGĦHOM: GĦALIEX KIEN DAN MIKTUB

Pawlu jgħid,

> "*Mela, ħuti, żommu ruħkom wieqfa u sħaħ fit-tradizzjonijiet li intom tgħallimtu sew bil-kelma sew bl-ittra tagħna*" (2 Tessalonikin 2:15).

Dan il-vers xi kultant ikun interpretat b'mod żbaljat biex juri li aħna għandna nobdu wkoll it-tradizzjonijiet tal-knisja flimkien ma' dak li tgħid il-Bibbja Mqaddsa. Imma Pawlu mhux qiegħed igħid hekk.

Fortunatament għall-bniedem modern, l-appostli u nies oħra ispirati mhux biss qalu bil-fomm dak li Ġesù għallem, huma wkoll kitbu dak li Hu għallem. Kif it-test ta' fuq juri, il-ħwejjeġ li dawn in-nies kitbu kienu awtorevoli daqs il-kliem li huma lissnu.

Jafu li huma ma kinux ħlief eżistenza umana li fi ftit ta' żmien igħaddu minn din il-ħajja, huma kitbu l-mes-saġġi tagħhom biex b'hekk il-ġenerazzjonijiet kollha tal-futur ikollhom l-istess messaġġ li huma kienu ppri-dkaw matul l-ewwel seklu. Per eżempju, Pietru kiteb kitba permanenti tat-tagħlim tiegħu. Naqraw hekk dwar dan,

> "*Għalhekk jien bi ħsiebni nibqa' dejjem infakkarkom fuq dan il-ħwejjeġ, għalkemm tafuhom u intom sħaħ fil-verità li hi fikom. Jidhirli li hi ħaġa*

*f'lokha li, sakemm jien f'dan il-ġisem, inżommkom imħeġġin billi nibqa' nfakkarkom; għax jien naf li dalwaqt ikolli nħalli dan il-ġisem, kif għarrafni Sidna Ġesù Kristu. Imma rrid nieħu ħsieb li, ukoll wara li nkun tlaqt, intom tibqgħu tiftakru kull ħin f'dawn il-ħwejjeġ!*" (2 Pietru 1:12-15).

Luqa kiteb sabiex il-qarrejja tiegħu jkunu jafu eżatt it-tagħlim li lilu ġie fdat:

"*Hekk ukoll jien, għażiż Teofilu, wara li bir-reqqa kollha qgħadt infittex it-tagħrif dwar kull ma ġara sa mill-bidunett, deherli li għandi niktiblek kollox ħaġa b'ħaġa, biex tagħraf sewwa l-veri-tà sħiħa dwar kull ma tgħallimt*" (Luqa 1:3-4).

Ġwanni kiteb sabiex il-bnedmin jemmnu fi Kristu u jkollhom ħajja eterna:

"*Hemm ħafna sinjali oħra li Ġesù għamel quddiem id-dixxipli tiegħu u li ma humiex imniżżla f'dan il-ktieb. Iżda dawn inkitbu sabiex intom temmnu li Ġesù hu l-Messija Bin Alla, u biex bit-twemmin tagħkom ikollkom il-ħajja f'ismu*" (Ġwanni 20:30-31).

Kemm tassew hu sabiħ li Alla, fil-għerf Divin Tiegħu, ta lill-bniedem ktieb dwar ir-rieda Tiegħu. Il-kitba permanenti, il-Bibbja Mqaddsa, tiggarantixxi lil

kull persuna f'kull ġenerazzjoni l-privileġġ li tkun taf il-verità mingħajr tibdil ta' Alla.

## L-APPOSTLI NIŻŻLU T-TAGĦLIM TAGĦHOM: TAGĦLIM MEQJUS BĦALA SKRITTURA

L-appostlu Pawlu jgħid hekk:

> "*Dan kollu ħuti, għedtu għalija u għal Apollo minħabba fikom, biex minna in-tom titgħallmu x'jiġifieri: "Mhux iktar milli hemm miktub*" (1 Korintin 4:6).

L-appostli, kif igħallem Pietru (2 Pietru 1:12-15), fehmu lit-tagħlim tagħhom kien minn Alla, u li dan it-tagħlim f'forma miktuba għandu jkun imħares wara wara mewthom biex b'hekk il-Kristjani jkunu jistgħu jiftakru dawk il-ħwejjeġ mgħallma minnhom. Pawlu wkoll ikkonferma li hu tkellem permezz ta' rivelazzjoni divina, u li hu kiteb biex b'hekk oħrajn ikunu jistgħu jifhmu l-Misteru ta' Kristu. Naqraw f'Efesin 3:3-4,

> "*Jiġifieri, li permezz ta' rivelazzjoni għarrafni l-Misteru, bħalma ġa ktibtilkom fil-qosor. Min dak li qrajtu tistgħu tifhmu sewwa kemm jiena dħalt fil-qalba tal-Misteru ta' Kristu.*"

Luqa u Ġwanni jgħallmu l-istess veritajiet essenzjali, kif diġà rajna (Luqa 1:1-4; Ġwanni 20:30-31).

Pawlu aktar 'il quddiem juri li hu kiteb b'awtorità u li oħrajn għandhom jagħrfu li hu kiteb il-kliem ta'

Ġesù. Jekk xi ħadd ifalli li jagħraf din l-awtorità, dik il-persuna kienet fl-injoranza, igħidilna l-appostlu Pawlu. Naqraw hekk,

> "*Jekk xi ħadd jaħseb li hu profeta jew bniedem b'xi don spiritwali, kunu afu li dan li ktibtilkom hu preċett tal-Mulej. Jekk ma jagħtix kas ta' dan, tagħtux kasu intom*" (1 Korintin 14:37-38).

Aħna nitgħallmu permezz tat-twissija li tinsab fit-Tieni Tessalonikin 3:14, illi l-knisja tabilħaqq kienet tikkonsidra l-kelma miktuba bħala awtorità finali. Pawlu jgħid hekk,

> "*Jekk ikun hemm xi ħadd fostkom li ma jagħtix widen għall-kliem li qiegħed ngħidilkom f'din l-ittra, immarkawh u nqatgħu minnu, ħalli jistħi.*"

Meta Kristjan jieqaf milli jobdi dak li nies ispirati kienu għallmu, dak il-Kristjan tilef is-sħubija tiegħu mal-knisja. Prova biċ-ċar, li turi li l-kliem miktub tal-kittieba tat-Testment il-Ġdid kien meqjus kemm bħala awtorità finali kif ukoll bħala l-kliem ta' Ġesù, tinsab fit-twissija li la tista' żżid ma' u lanqas tnaqqas minn dan il-kliem, fejn naqraw,

> "*Jiena nwissi lil kull min jisma' l-kelmiet tal-profezija ta' dan il-ktieb: Jekk xi ħadd iżid magħhom, Alla jixħet il-kastigi msemmijin f'dan il-ktieb; u jekk xi ħadd ineħħi xi kliem milli hawn fil-ktieb ta' din il-profezija, Alla*

*jneħħilu s-sehem li jmissu mis-siġra tal-ħajja u mill-belt il-qaddisa msemmijin f'dan il-ktieb*" (Apokalissi 22:18-19).

Din it-twissija kontra li tmur 'il quddiem aktar milli hemm mktub tindika bil-qawwa kollha t-tmiem u l-perfezzjoni ta' l-Iskrittura Mqaddsa.

## IL-BIBBJA FIHA R-RIEDA KOLLHA TA' KRISTU

Pawlu jgħid hekk dwar l-Iskrittura Mqaddsa,

"*L-Iskrittura kollha hija mnebbha minn Alla, u tiswa biex wieħed igħallem, iċanfar, iwiddeb u jrawwem fis-sewwa, biex hekk il-bniedem ta' Alla jkun perfett, imħejji għal kull ħidma tajba*" (2 Timotju 3:16-17).

Tliet siltiet iwassluna biex nikkonkludu li l-Bibbja fiha r-rieda kollha ta' Kristu.

L-ewwel, Kristu wiegħed lil l-appostli tiegħu:

"*Imma d-Difensur, l-Ispirtu s-Santu, li l-Missier jibgħat f'ismi, igħallimkom kollox u jfakkarkom dak kollu li għedtilkom*" (Ġwanni 14:26).

Kristu aktar 'il quddiem wiegħed:

"*Meta jiġi hu, l-Ispirtu tal-verità, iwassalkom għall-verità kollha*" (Ġwanni 16:13).

It-tieni, il-Missier bagħat l-Ispirtu s-Santu fuq l-app-ostli (Atti 2:1-4). Dan ġara fil-Jum ta' Pentekoste fil-belt ta' Ġerusalem. Minn din il-belt, l-appostli bdew igħallmu r-rieda ta' Kristu. Naqraw f'Atti 8:4 u 20:27,

> "*Imma dawk li xterdu bdew ixandru l-kelma tal-Bxara t-Tajba kull fejn marru ….għax jien qatt ma bżajt nurikom dak kollu li jrid Alla.*"

It-tielet, l-appostli u rġiel ispirati oħra kitbu r-rieda kollha ta' Kristu fit-Testment il-Ġdid: Pawlu fisser, fit-Tieni Timotju 3:16-17, li l-Iskrittura kienet miktuba sabiex il-bniedem ta' Alla jkun:

> "*perfett, imhejji għal kull ħidma tajba.*"

Ġuda kiteb li l-fidi:

> "*ngħatat darba għal dejjem lill-qaddisin*" (Ġuda 3).

Pietru kiteb illi Ġesù:

> "*tana dak kollu li hu meħtieġ għall-ħajja u t-tjieba*" (2 Pietru 1:3).

Ġwanni qal li dak li hemm miktub dwar Kristu fil-Bibbja kien biżżejjed biex jipproduċi l-fidi li twassal għall-ħajja ta' dejjem (Ġwanni 20:30-31). Innota l-enfasi fuq il-kelma "kollha" kemm fil-wegħda ta' Kristu dwar ir-rivelazzjoni tar-rieda Tiegħu kif ukoll fit-tagħlim ta' l-appostli li din ir-rieda kienet irrivelata fl-Iskrittura.

## IL-BIBBJA FIHA R-RIEDA TA' KRISTU KOLLHA: L-ISKRITTURA HIJA AWTORITÀ KOMPLUTA

L-appostlu Pawlu jgħid hekk dwar l-Iskrittura Mqaddsa,

> "*L-Iskrittura kollha hija mnebbha minn Alla, u tiswa biex wieħed igħallem, iċanfar, iwiddeb u jrawwem fis-sewwa, biex hekk il-bniedem ta' Alla jkun perfett, imħejji għal kull ħidma tajba*" (2 Timotju 3:16-17).

L-Iskrittura tgħammar lill-bniedem "għal kull ħidma tajba." Xi prova qawwija għall-perfezzjoni tal-Bibbja! B'hekk aħna assigurati li tfittxija fl-Iskrittura tikxef kull ħidma li Alla jixtieq mill-bniedem.

Permezz tal-ħidma jew ta' l-opri tajba l-bniedem iwettaq l-iskop għal eżistenza tiegħu. L-appostlu Pawlu jgħid li:

> "*Aħna ħolqien tiegħu, maħluqa fi Kristu biex nagħmlu l-opri tajba li Alla ħejjielna qabel li għandna nagħmlu*" (Efesin 2:10).

Permezz tal-ħidma jew ta' l-opri tajba l-bniedem jigglorifika lil Alla. Il-Mulej tagħna jgħidilna:

> "*Hekk għandu jiddi d-dawl tagħkom quddiem il-bnedmin, biex jaraw l-egħmejjel tajba tagħkom u jagħtu glorja lil Missierkom li hu fis-smewwiet*" (Mattew 5:16).

Ukoll permezz ta' din il-ħidma u opri l-bniedem ikabbar in-nazzjon tiegħu. Fi Proverbji 14:34 naqraw,

> "*Is-sewwa jkabbar il-ġieħ tal-poplu, imma d-dnub iwaqqgħu fil-għajb.*"

Permezz tal-ħidma jew ta' l-opri l-bniedem ikollu ħajja aktar feliċi u wegħda ta' ħajja li għad trid tiġi. Naqraw fl-Ewwel Timotju 4:8,

> "*It-taħriġ tal-ġisem ftit jiswa, waqt li t-tjieba tiswa għal kollox billi fiha għandha l-wegħda tal-ħajja ta' issa u ta' dik li għad trid tiġi.*"

Billi kull ħidma tajba tinsab fil-Bibbja, il-bniedem għandu bżonn li jipprattika biss l-opri li hemm fil-Bibbja biex jirċievi dawn il-barkiet glorjużi.

Ukoll, billi l-Iskrittura tipprovdi kull ħidma tajba, l-ebda ktieb jew tagħlim ieħor ta' awtorità ma jista' qatt iħejji xi opri oħra tajba. X'daqqa li teqred hija din għat-tagħlim tal-bnedmin, għat-tradizzjonijiet u rivel-azzjonijiet moderni tal-knejjes tal-bnedmin! B'daqqa waħda tal-pinna ispirata, Pawlu neħħa mill-kategorija ta' opri tajba kull azzjoni reliġjuża li mhijiex awtoriz-zatta mill-Iskrittura Mqaddsa: per eżempju, is-sagrifiċ-ċju tal-quddiesa, il-qima lil Marija, l-użu ta' strumenti mekkaniċi waqt l-adurazzjoni, funzjonijiet tal-ġerar-kija, kardinali u papiet, arcisqfijiet, u ħafna u ħafna oħrajn li ma ssibx l-awtorità tagħhom fil-Kelma ta' Alla! La darba l-Bibbja ma tawtorizzax dawn l-opri, dawn ma jistgħux ikunu tajba, għaliex l-Iskrittura thej-jina "għal kull ħidma tajba."

Verament, il-perfezzjoni ta' l-Iskrittura li tipprovdi kull ħidma tajba tagħti l-jedd lill-Bibbja biex tkun l-unika awtorità reliġjuża tal-bniedem.

## L-ISKRITTURA: AWTORITÀ LI TIFTIEHEM: TIFTIEHEM AKTAR MIT-TAGĦLIM ORALI

Naqraw fil-Vanġelu ta' Luqa,

> "*Hekk ukoll jien, għażiż Teofilu, wara li bir-reqqa kollha qgħadt infittex it-tagħrif dwar kull ma ġara sa mill-bidunett, deherli li għandi niktiblek kollox ħaġa b'ħaġa, biex tagħraf sewwa* ***l-verità sħiħa*** *dwar kull ma tgħallimt*" (Luqa 1:1-4; enfasi tiegħi).

Prova oħra tal-ftehim tal-Bibbja hija l-fatt li l-Bibbja kienet miktuba biex tiċċara t-tagħlim orali. Xi wħud jikkunsidraw il-Bibbja bħala awtorevoli imma li mhix biżżejjed, huma jgħidu li għandna bżonn ta' interpretu ispirat. Il-Bibbja hija nfisha, hija l-interpretu tagħha stess, iżda, tippretendi li tagħmel it-tagħlim orali aktar ċar.

Per eżempju, Luqa kiteb sabiex b'hekk il-qarrej ikun jaf sewwa, biċ-ċertezza kollha, il-verità kollha dwar il-ħwejjeġ li hu kien qabel mgħallem, bla dubju oralment (Luqa 1:4). L-appostlu Pawlu kiteb lit-Tessalonikin biex jiċċara dak li hu kien għallem oralment dwar l-apostasija tal-knisja, fejn naqraw,

> "*Ma tiftakrux li dan kollu kont ngħidul-kom meta kont fostkom?*" (2 Tessaloni-kin 2:5)

B'żieda, meta Pawlu ppriedka oralment lin-nies ta' Berea, huma eżaminaw il-kelma miktuba ta' kuljum biex jaraw jekk il-kelma orali kinetx veru jew le. Naqraw f'Atti 17:11,

> "*Dawn il-Lhud kienu nies ta' qalb aktar minn dawk ta' Tessalonika; huma laqgħu l-kelma bil-ħeġġa kollha, u kuljum bdew iqallbu l-Iskrittura biex jaraw jekk dak li semgħu kienu minnu.*"

Kelliemi mqanqal, personalità qawwija, jista' forsi jkaxkar lis-semmiegħ (jew semmiegħa) tiegħu b'tali mod lis-semmiegħ jaqbel kompletament. Iżda, meta huwa jieħu l-ħin biex jara jekk dak li sema' kienx min-nu jew le, jqabblu mal-Kelma miktuba ta' Alla li hija għal dejjem, u infallibbli, huwa ta' spiss jifhem ir-rieda ta' Alla aħjar minn dik tal-kelliem. Għal din ir-raġuni, il-bidwi xi drabi jkun student tal-Bibbja aħjar minn ħafna għalliema reliġjużi—hu jieħu l-messaġġ tiegħu mingħand il-Kelma miktuba ta' Alla, u mhux mill-kelma orali tal-bnedmin.

## IL-BIBBJA U AWTORITAJIET OĦRA

Il-kittieb tas-Salmi jgħid hekk,

> "*Minn kull triq ħażina nwarrab riġlejja, biex inħares il-kelma tiegħek. Mid-digrieti tiegħek qatt ma nitbiegħed, għax int kont li għallimthomli. Jien ksibt id-dehen bil-preċetti tiegħek; għalhekk nobgħod kull triq qarrieqa*" (Salm 119: 101, 102, 104).

Li taċċetta awtorità barranija mal-Bibbja, iddallam il-Kelma ta’ Alla, il-Bibbja Mqaddsa!

Xi nies idallmu l-bibbja billi jużaw xhieda nterna. Minflok ma jwieġbu għall-messaġġ irrivelat, dawn in-nies jobdu vuċijiet li huma biss ikunu semgħu.

Nies oħra jċajpru l-Bibbja b’dak li huma jħossu. Huma jgħidulek, “Jiena ma nibdilx dak li jiena nħoss u nifhem lanqas ma’ munzell Bibbji!” Anarkija u kaos jirriżultaw meta kull bniedem jagħmel dak li jidher tajjeb f’għajnejh. F’Ġeremija 10:23 naqraw,

> “*Mhux fil-bniedem li jmexxi lilu nnifsu.*”

Xi nies iċajpru l-Bibbja bit-tradizzjonijiet tal-knisja. Tradizzjonijiet bħal dawn huma tagħlim miżjud li suppost li huwa ttraċċjat għall-appostli. Ħadd ma jista’ jipprova li t-tradizzjoni ġiet mill-appostli. Ġesù ikkundanna lil dawk li għallmu bħala duttrina l-kmandamenti tal-bnedmin, u b’hekk iġibu l-Kelma ta’ Alla fix-xejn (Ara Mark 7:1-13).

Xi nies ukoll iċajpru l-Bibbja b’leħen ħaj tal-knisja. Dawn forsi ma jafux għal kollox li l-Kelma ta’ Alla hi ħajja. Naqraw,

> “*Il-kelma ta’ Alla hi ħajja u qawwija, taqta’ aktar minn xabla b’żewġt ixfar; hija tinfed sa tifred minn xulxin ir-ruħ u l-ispirtu, u l-ġogi u l-mudullun; u tgħarbel il-ħsibijiet u l-fehmiet tal-qalb*” (Lhud 4:12).

Ladarba Alla ħalaq lill-bniedem, Hu żgur li kien jaf kif għandu jagħti rivelazzjoni darba għal dejjem li tibqa' valida u suffiċjenti għal kollox u għal dejjem.

Madankollu, oħrajn iċajpru l-Bibbja b'rivelazzjonijiet moderni. Għalkemm Pawlu ikkundanna bniedem jew anġlu li jippriedka xi evanġelju ieħor u mhux dak tal-kittieba ispirati minn Alla (Galatin 1:6-9), xi nies jaċċettaw "rivelazzjonijiet" ġodda u strambi. Ladarba l-Bibbja fiha dak kollu li hu meħtieġ biex jagħmel lill-bniedem ta' Alla perfett (2 Timotju 3:16-17), l-ebda bżonn ma jeżisti għal xi skritturi ġodda.

## IL-BIBBJA U DAK LI WIEĦED IĦOSS

Il-kittieb ta' Proverbji jgħid hekk,

> "*Xi ħadd jista' jaħseb li triqtu dritta, iżda mbagħad tmiemha jwassal għall-mewt*" (Proverbji 14:12).

Massma, fehma qawwija popolari llum tgħid li l-bniedem jogħġob lil Alla billi biss jimxi wara dak li tiddetta l-kuxjenza tiegħu. B'hekk, ħafna nies jappellaw għall-kuxjenza jew għal dak li huma jħossu biex jiġġustifikaw it-twemmin reliġjuż tagħhom.

Alla żgur li jġiegħel lil kull bniedem biex ifittex kuxjenza tajba (1 Timotju 1:5, 9), imma Hu ma jgħallimx li kuxjenza tajba hija gwida reliġjuża fiż-żgur. Il-kuxjenza hija l-faklutà mentali li permezz tagħha l-bniedem jiġġudika l-azzjonijiet tiegħu tajba jew ħżiena. Iżda, l-ġudizzju ta' kuxjenza ta' wieħed huwa neċessarjament ibbażat fuq il-ħila, fuq l-għarfa. Ladarba l-għerf tal-bniedem jista' jkun żbaljat, dak li forsi

jista' jidher li hu tajjeb, skond il-kuxjenza, jista' jkun ħażin u jwassal għall-mewt (spiritwalment). Ukoll fi Proverbji 16:25 naqraw,

> "*Xi ħadd jista' jaħseb li triqtu dritta, iżda mbagħad tmiemha jwassal għall-mewt.*"

Per eżempju, l-appostlu Pawlu dejjem għex b'kuxjenza tajba u dwar dan naqraw f'Atti 23:1,

> "*Pawlu ta ħarsa lejn is-Sanhedrin u qal: "Ħuti, jien sa llum imxejt quddiem Alla b'kuxjenza safja għal kollox.*"

Iżda qabel il-konverżjoni tiegħu dik il-kuxjenza tajba wasslitu biex jippersegwita l-Kristjani u lill-knisja. Pawlu qal,

> "*Jiena ukoll deherli li kelli nagħmel minn kollox kontra l-isem ta' Ġesù ta' Nażaret*" (Atti 26:9).

Ukoll naqraw f'Galatin 1:13-24,

> "*Intom smajtu bl-imġiba tiegħi meta kont għadni fir-reliġjon Lhudija, kif kont nippersegwita bis-sħiħ il-Knisja ta' Alla u nfittex li nħarbatha; u kemm kont 'il quddiem fir-reliġjon Lhudija fost il-poplu tiegħi aktar minn sħabi kolha ta' mpari, imġennen kif kont għat-tradizzjonijiet ta' missirijieti. Imma meta Dak li għażilni sa minn ġuf ommi, u li sejjaħli permezz tal-grazzja tiegħu, għoġbu jirrivelali lil Ibnu biex*

*inħabbru fost il-ġnus, minnufiħ, bla ma qgħadt infittex li nieħu parir mingħand bnedmin tad-demm u l-laħam. Bla ma tlajt Ġerusalem għand dawk li kienu appostli qabli, jiena mort fl-Għarabja u mbagħad erġajt lura lejn Damasku…. Il-Knejjes ta' Kristu fil-Lhudija kienu għadhom qatt ma raw wiċċi, kienu semgħu biss in-nies igħidu li: "dak li darba kien jippersegwitana, issa qiegħed iħabbar il-liġi li darba hu ried jeqred"; u huma faħħru lil Alla minħabba fija."*

Għalih, Pawlu, kien qiegħed sewwa skond il-kuxjenza tiegħu, imma kien żbaljat quddiem Alla: Pawlu kellu bżonn il-maħfra. (1 Timotju 1:12-17).

Il-kuxjenza ta' Pawlu kienet nieqsa minn tagħlim suffiċjenti tal-verità għall-approvazzjoni ta' Alla. Il-Mulej tagħna jgħidilna,

> "*Jekk iżżommu fil-kelma tiegħi, tkunu tassew dixxipli tiegħi, u tagħarfu l-verità, u l-verità teħliskom*" (Ġwanni 8: 31-32).

Ukoll illum kuxjenza li mhix iggwidata peremzz tar-rieda ta' Alla twassal lill-bniedem biex jemmen gidba. Pawlu jgħid dwar dawk li ma jimxux fuq il-Kelma ta' Alla,

> "*Il-Ħażin għad jiġi bil-qawwa tax-xitan, u jagħmel kull xorta ta' mirakli u sinjali u għeġubijiet foloz, u jinqeda*

> *b'kull xorta ta' qerq u ħażen fuq dawk li huma ikkundannati għall-qerda għax ma emmnux u ma ħabbewx u ma la-qgħux il-verità biex isalvaw ruħhom. Għalhekk Alla qed jibagħtilhom kontri-hom qawwa qarrieqa biex jemmnu l-gideb, ħalli b'hekk dawk kollha li ma jemmnux il-verità, imma jogħġobhom il-ħażen, ikunu ikkundannati*" (2 Tessa-lonikin 1:9-12).

Din ukoll twassal lil dik il-persuna biex isservi lil Alla fl-iżball. Naqraw f'Rumani 10:2, 3,

> "*Jiena xhud għalihom li huma għand-hom iż-żelu għal Alla, iżda dan iż-żelu mhux mibni fuq il-għerf veru. Ma għar-fux il-ġustizzja ta' Alla, imma fettxew il-ġustizzja tagħhom, u għalhekk ma qagħdux għall-ġustizzja ta' Alla.*"

Li jimxi wara l-kuxjenza bħala awtorità finali, il-bniedem jisraq l-awtorità ta' Kristu u jeżalta lilu nnifsu bħala l-gwida reliġjuża tiegħu nnifsu, b'hekk ikun qiegħed jisfida t-twissijiet tal-profeti li l-bniedem m'għandux jafda fih innifsu (Proverbji 28:26) u lanqas ma jipprova li jmexxi lilu nnifsu (Ġeremija 10:23).

Għalhekk, il-kuxjenza m'għandix tkun gwida li tis-tabbilixxi l-verità, imma għandha tkun stabbilita fil-verità mill-veru gwida unika—ir-rieda ta' Ġesù Kristu.

## IL-BIBBJA U T-TRADIZZJONIJIET TAL-KNISJA

Ġesù, meta tkellem dwar it-tradizzjonijiet tal-bnedmin, qal hekk,

> "Ħelu *ħelu ġġibu fix-xejn il-kmandamenti ta' Alla biex tħarsu t-tradizzjonijiet tagħkom*" (Mark 7:9).

It-tradizzjoni teqred il-limiti tar-rivelazzjonijiet divi-ni, tgħawweġ it-tifsira ta' l-Iskrittura, u żżomm il-leħen awtorevoli ta' Alla milli jinstama' u jkun miftiehem, b'hekk tikkawża l-firda u l-konfużjoni.

L-eżempju tat-test muri f'Mark 7:9 juri x'jiġri meta l-bnedmin jużaw it-tradizzjoni, anke b'konġjunzjoni ma' l-Iskrittura. Il-Lhud ħasbu li huma kienu obdew sewwa l-kmand biex jonoraw lill-missier u lil omm (Eżodu 20:12). Iżda t-tradizzjonijiet tagħhom li dak li ġie mwiegħed lil Alla ma jiġix mogħti lill-ġenituri mhux biss kien żieda mal-Kelma ta' Alla (ħaġa li fiha nfisha hi kerha) imma hija wkoll ġabet "il-kelma ta' alla fix-xejn." Ġesù ikkundannahom ukoll dwar "bosta ħwejjeġ oħra bħal dawn" naqraw f'Mark 7:13.

Miġemgħa kbira ta' tradizzjonijiet tal-knisja żviluppaw minn mindu Kristu waqqaf il-knisja Tiegħu fl-ewwel seklu. Ħafna nies sewwa u sinċiera jpoġġu l-fiduċja tagħhom fuq "l-awtorità" ta' din it-tradizzjoni milli fuq dik tal-Bibbja. Il-Mulej ikkundanna bil-qawwa kollha tradizzjonaliżmu bħal dan fost il-Lhud bħala riġettar tal-Kelma ta' Alla (Mark 7:8), ukoll kif

Isaija ħabbar f'Isaija 29:13 u Ġesù rripeta f'Mark 7:6-7, illi:

> "*Fiergħa hi l-qima li jagħtuni; igħallmu dottrina li mhix għajr preċetti tal-bnedmin.*"

Il-Bibbja thejjina għal kull ħidma tajba (2 Timotju 3:16-17), u m'għandha bżonn ta' l-ebda tradizzjonijiet tal-bnedmin biex ikabbruha jew jimmodifikawha. L-Ispirtu s-Santu wissa, permezz ta' l-appostlu Pawlu,

> "*Qisu li ħadd ma jassarkom b'filosofija u kliem qarrieq u fieragħ skond it-tradizzjonijiet tal-bnedmin skond il-prinċipji tad-dinja u mhux ta' Kristu. Fih hemm tgħammar* ***il-milja sħiħa*** *tad-divinità fil-ġisem*" (Kolossin 2:8-9; enfasi tiegħi).

Dak kollu li aħna nistgħu possibbilment naħtieġu minn Alla jinsab f'Ġesù. Dak li tfisser il-frażi "milja sħiħa." Din tfisser li timla sa fuq, qies kollu, il-kontenut kollu, mimli għal kollox. Għalhekk, Ġesù huwa "l-kontenut kollu" ta' Alla. L-ebda tradizzjoni ma tista' tiġi miżjuda. Jekk inti trid il-verità din tista' ssibha biss għand Ġesù. (Ġwanni 17:17; 8:31-32.)

L-Ispirtu s-Santu jwissina biex ma nħallu lil ħadd li jħassrilna l-fidi tagħna fi Kristu skond it-tagħlim tal-Kelma Tiegħu, il-Bibbja, permezz ta' tradizzjonijiet u filosofija tal-bnedmin. L-Ispirtu s-Santu jagħraf li l-ebda salvazzjoni ma tista' tiġi permezz ta' filosofija u tradizzjonijiet tal-bniedem. Dawn kollha huma fiergħa u li jingannaw. Kull sforz biex wieħed isib il-ġustizzja

f'xi waħda minn dawn iċaħdu mill-unika ġustizzja tassew li tinsab biss fi Kristu, u din tiġi minn Alla permezz ta' Kristu. Il-filosofiji kollha tal-bnedmin, l-ingann kollu ta' l-għerf tal-bniedem, u t-tradizzjonijiet u l-prinċipji qarrieqa tal-bnedmin iħassru lill-bniedem, jirrovinaw ir-ruħ tiegħu, u jwassluh għall-mewt ta' dejjem billi jbegħduh minn Alla u s-salvazzjoni tiegħu.

L-hekk imsejħa "prinċipji tad-dinja" u "tradizzjonijiet tal-bnedmin" huma dawk l-iskemi magħmula mill-bnedmin. Alla m'għandu x'jaqsam xejn ma' dawn. Dawn kienu oriġinaw mill-bniedem u għaddew minn wieħed għal l-ieħor u ħassru t-tagħlim safi tal-Kelma ta' Alla. Għalhekk il-Mulej qal,

> "*u ħelu ħelu ġgibu fix-xejn il-kmandamenti ta' Alla*" (Mark 7:9).

Dan hu f'kuntrast mat-tagħlim ta' Kristu. Dak kollu li mhuwiex skond it-tagħlim ta' Kristu huwa filosofija tal-bniedem, tradizzjoni tal-bniedem u prinċipji tal-bnedmin u aħna għandna nwarrbuhom fil-ġenb!

L-appostlu Ġwanni, b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu jwissina li:

> "*Jekk xi ħadd jaqbeż 'il barra u ma jibqax fit-tagħlim ta' Kristu, dan ma għandux lil Alla fih. Imma min jibqa' fit-tagħlim, għandu l-Missier u l-Iben fih. Jekk jiġikom xi ħadd u ma jġibilkomx* ***dan it-tagħlim****, la tilqgħuhx għandkom u la ssellmulux, għax min isellimlu jkun qiegħed jissieħeb mie-*

*għu fl-egħmejjel ħżiena tiegħu*" (2 Ġwanni 9-11).

L-appostlu Pawlu, wkoll b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu jwissina:

> "*Min igħallem ħaġa oħra, minn ma joqgħodx għall-kliem utieq ta' Sidna Ġesù Kristu u għat-tagħlim skond it-tjieba, dan ikun superv u ma jkun jaf xejn…*" (1 Timotju 6:3-4).

U nagħlaq b'din it-twissja minn Efesin 5:6-7,

> "*Tħallu lil ħadd iqarraw bikom bi kliem fieragħ, għaliex minħabba f'hekk tinżel il-korla t'Alla fuq dawk li ma jis-imgħux. Mela tissieħbu qatt magħ-hom!*"

Mhux biss li m'għandniex inħallu lil min iqarraq bina, imma jekk aħna nagħmlu dan, ikollna l-korla t'Alla fuqna. M'għandna l-ebda skuża!

Il-Mulej tagħna, Sidna Ġesù Kristu qiegħed igħidil-na kontinwament:

> "*Għaliex issejħuli, 'Mulej, Mulej,' u mbagħad **ma tagħmlux** dak li ngħid jien?*" (Luqa 6:46; enfasi tiegħi).

Qabel ma wieħed ikun ħafif biex isejjaħ lil Ġesù "*Mulej, Mulej*" jara sewwa li dak li jemmen u jipp-rattika jaqbilx mal-Kelma Tiegħu u mbagħad isejjaħlu "*Mulej, Mulej.*"

Jalla aħna nħajruk biex issir Kristjan, xejn aktar, xejn inqas. Għamel dan illum!

Għal aktar informazzjoni ikteb lil:
KNISJA TA' KRISTU, Flat 7, Polythecnic Flats, Ġużè Debono Square, Msida MSD 10, Malta

e-mail: info@churchofchristmalta.com
www.churchofchristmalta.com